# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Artan Shamku**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum: 23 ta' Ottubru 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-Imputazzjonijiet migjuba kontra Artan Shamku ID 0248020A mwieled fil-7/8/1989 joqghod Carlton Court Fl 9, Triq l-Imriehel

Birkirkara talli fis-7 ta' Settembru, 2022 ghall-habta ta' 06:15hrs fi Triq San Gorg, San Giljan soqt E-kick-scooter eletriku u:

1. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru AKJ475 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Jose Borg  Kap- 9 art 328(d);
2. Uzajt e-kickscooter fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni LS 65.32 reg4;
3. Soqt kickscooter minghajr licenzja tas-sewqan valida LS65.32 Reg 5(1)(b);
4. Soqt e-kickscooter minghajr licenzja ta' registrazzjoni LS 565.32 Reg 3(1);

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skalifikat mil-licenzji tieghu tas-sewqan

Il-Qorti gentilment mitluba li f'kas ta` htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda;

Rat L-artikolu 328(d)tal-Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta , LS 65.32 Reg 4 u LS 65.32 Reg 5(1)(b) LS  65.32 Reg 3(1) , LS 65.18 Art 36B u LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti.

**Ikkunsidrat**

**<u>Jose Borg xehed hekk :</u>**

Pros: Sur Borg inti irrapurtajt xi haga il-pulizja?

Xhud: Iva.

Pros: Spjegalna wahda x`gara?

Xhud: Kien filghodu fit-23 ta` Settembru kien filghodu kmieni immur nigri kull filghodu.

Pros: Fejn sinjur?

Xhud: San Giljan.

Pros: Tiftakar it-triq ezatt?

Xhud: It-triq l-istess triq ta` l-ghassa ftit iktar il-fuq hdejn il-kazin ta` San Giljan ipparkjajt u kif hrigt mil-karozza u hrigt saqajja it-tnejn kelli ic-cavetta kont qed nitfaghha fil-bieba tal-karozza f`daqqa wahda is-sinjur li qieghed hawnekk Artan baqa` diehel gol-bieba tal-karozza tieghi bl-isccoter.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: X`ghamla hi l-karozza?

Xhud: Mitsubishi ASX.

Qorti: Igifieri inti kont fil-bieb?

Xhud: Hrigt ha nibda naghlaq il-karozza.

Qorti: Imma il-bieba kienet miftuha?

Xhud: Miftuha ehe saqajja kienu barra mil-karozza iva u ha nitfa ic-cavetta fil-bieba tal-karozza.

Qorti: Igifieri inti kont ghadek fil-karozza?

Xhud: Bilqeghda fil-karozza saqajja it-tnejn barra.

Qorti: Orajt.

Pros: IL-karozza garbet xi hsarat?

Xhud: Ijja l-bieba tqactet tkissret kollha u tqactet.

Qorti: Igifieri inti kont fit-triq jekk qed nifhemk sew?

Xhud: Ipparkjat iva fit-triq umbaghad is-sinjur waqaf skuza ruhu u kollox inzilna naghmlu rapport ried ihallasni dak il-hin ghedtlu imma iovvjament ahjar naghmlu rapport bil-pulizija u nzilna flimkien naghmlu rapport l-ghassa ta` San Giljan.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Mela sinjur ghedtilna li ipparkjajt wara li ipparkjajt x`ghamilt ezatt?

Xhud: Tfejt il-karozza hrigt ic-cavetta mil-ignition kif ftaht il-bieba hrigt ovvjament inhares u kif ilhaqt hrigt ic-cavetta minn gol keychain b`saqajja barra tfajt ic-cwievet fil-handle tal-karozza u sakemm kont ha ndur litteralment kif ha nitfa ic-cavetta is-sinjur baqa` diehel u cwievet waqghu isfel fit-triq.

Avu: Mela igifieri ipparkjajt ftaht il-bieba hrigt saqajk it-tnejn nehhejt ic-cwievet minn go l-ignition hux hekk?

Xhud: Nehhejthom qabel u kif indur kif hrigt saqajja,

Avu: U sakemm ghandek iz-zewg saqajn tieghek qeghdin barra inti tfajt ic-cwievet fejnkellek titfaghhom?

Xhud: Ehe.

Avu: U gtrat f`sekondi igifieri din hux hekk?

Xhud: Ehe split of a second.

Avukati: Ok daqsekk.

**<u>Johann Borg xehed hekk:</u>**

Qorti: Inti qiegehd hawn inrapprezentanza ta` min?

Xhud: Rapprezenatant ta` Mizzi Auto Repairs.

Qorti: Mela ha norik DOK JB x`tghidilna fuqha?

Xhud: Din hija stima li talabna l-klijent.

Pros: Ta` liema karozza?

Xhud: Karozza Mitsubishi ASX in-number plate AKJ 475.

Pros: L-ammont jekk jogghbok?

Xhud: Bil-parts b`kollox jammonta 2,474.

Avu: Mela sinjur inti qed tikkonferma din l-istima din l-istima inti rigward tal-hsarat dal-hsarat rajthom inti?

Xhud: Tal-hsarat li talabna l-klijent.

Avu: Igifieri dal-hsarat dak li qallek il-klijent bihom?

Xhud: Ovvja uu.

Avu: Inti rajthom dal-hsarat?

Xhud: Ovvja rajnihom konnha iva.

Avu: Rajt il-karozza inti igifieri?

Xhud: Dal-hsarat rajthom u evalwajniha.

Avu: U x`kienu ezatt dal-hsarat?

Xhud: F`dal-kuncett ghandu l-bieba ta` quddiem in-naha tar-right, ic-capetti, it-tapizzerija, ghandha sticker blackout tape, il-main brain ta` gewwa u wheel arch clips.

Avu: Dan kollu inti ikkontestajtu meta inti rajt meta ghamilt ir-rapport jew rajhtom?

Xhud: Dawn parts li jridu jinbidlu.

Avu: Issa jien qed nghidlek il-hsara li inti rajt fuq dil-vettura x`kienet?

Xhud: dawn il-hsarat li ghadni kemm nghidlek.

Avu: Iva inti ghadek kemm ghadtli dawk huma il-parts, il-parts huma dawn li qeghdin miktubin hawnekk jien qed nghidlek inti vizzwalment meta rajt,

Xhud: F`ghajnejja dawk huma il-hsarat.

Avu2: U jrid jinbidel kollox inti fil-fehma tieghek ma jista jintuza xejn minn dak,

Xhud: Ghandekid-dettalji hawnekk il-parts to replace huma dawk is-sitt items u bhala spray ghandek ukoll xi jrid jinzebah.

Avu2: Le le id-domanda tieghi hija minn dawn hawenkk il-parts li hawn indikati hemm xi parts li ghadhom tajbin fil-vettura u li jistu jintuzaw?

Xhud: Le infatti hawnekk ghandek nota li jekk insibu tal-parts u dan irridu nitkellmu mal-klijent biex noruh,

Avu2: Mela allura jista li hemm parts indikati jistghiu li ghadhom tajbin fuq il-vettura hux hekk?

Xhud: Le le,

Qorti: Il-karozza kemmhi antika din?

Xhud: ASX m`ghandix idea,

Qorti: Ghax dak skond kemm ikunu qodma insejt kif inkunu jew you replace as new ghax ikunu godda ghall-dik qed tirreferi?

Xhud: Hawnekk ahna qed nirreferu ghall-parts godda originali m`ghand l-agent.

Avu: Ok xejn izjed.

**PS 1128 G Sammut** xehed permezz ta' affidavit fejn elabora dwar dak

li ghamel in konnessjoni ma dan il- kas . Lill- Artan Shamku ma inghatatlhu l-ebda tip ta' twissija .

**Stephen Cachia** xehed permezz ta' Affidavit Dok A dwar Artan Shmaku

**Ikkunsidrati**

Illi mix-xhieda u provi prodotti ma jirrizultax li Artan Shamku kien involute f'xi incident fis-7 ta' Settembru 2022 go Triq San Gorg San Giljan stante ukoll li qabel ma gie mitkellem mill-pulizija ma inghatatlu l-ebda tip ta' twissija.

**Decide**

Ghaldaqstant ma ssibx lil Artan Shamku hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet u qieghda konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**